MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 46/2007

Mustefa Mustefa Al Muhamad

vs

Ministru tal-Gusitizzja u Affarijiet Interni,
Direttur tar-Registru Publiku,
Onor. Prim Ministru u Avukat Generali

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat fis-27 ta’ Lulju, 2007, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti ilu jghix hawn Malta sa mid-9 ta’ Awissu 1995 meta huwa kien dak iz-zmien izzewweg lil Mary Mustafa Al Muhamad;
2. Illi huwa kien sar cittadin Malti fit-8 ta’ Jannar 1996;

3. Illi z-zwieg tieghu kien gie annullat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili permezz ta’ sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet “Al Muhamad vs Al Muhamad” Citazz numru 3046/96 NA datata 27 ta’ Lulju 1999;
4. Illi permezz ta’ ittra datata 25 ta’ Gunju 2007 mibghuta lill-esponenti mill-konvenut l-Hon. Dr. Tonio Borg l-istess attur gie mgharraf li kienet tnehhitlu c-cittadinanza Maltija b’effett immedjat;
5. Illi permezz ta’ decizjoni komunikata lill-esponenti minn l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, b’ittra datata 3 ta’ Lulju 2007 l-istess esponenti gie mgharraf li r-registrazzjoni tieghu bhala cittadin Malti kienet giet allegatament u skond l-istess intimat ottjenuta bi frodi;
6. Illi d-decizjoni sabiex tigi irtirata c-citadinanza Maltija tar-rikorrenti ittiehdet minn l-intimati wara li huma stess kienu appuntaw Kumitat ta’ Inkjesta (kaz numru 3/06) li tratta u ddecieda fuq il-kaz tal-esponenti;
7. Illi l-membri tal-Kumitat ta’ Inkjesta intghazlu mill-intimati stess, ossia l-istess persuni li riedu li lill-esponenti tittiehidlu c-cittadinanza Maltija;
8. Illi dan l-agir imur kontra l-Kostituzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Talab li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-Kumitat ta’ Inkjesta li ddecieda l-kaz dwar ic-cittadinanza tar-rikorrenti, ma huwiex tribunal hieles kif rikjest mill-Kostituzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana peress li l-istess twaqqif tal-Kumitat ta’ Inkjesta imur kontra u jikser l-artikolu 39(2) tal-Kostituzjoni ta’ Malta u l-istess artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;
2. Konsegwentement, tordna li d-decizjoni li hadu l-intimati meta huma rtiraw ic-cittadinaza tar-rikorrenti tigi dikjarata nulla u bla effett;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimati Ministru tal-Gusitizzja u Affarijiet Interni, Direttur tar-Registru Publiku, Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali, li *in forza* taghha wiegbu :

Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju, ghandu jigi rilevat li d-Direttur tar-Registru Publiku m'huwiex il-legitimu kuntradittur f'dawn il-proceduri stante li skond il-ligi l-hrug jew t-tnehhija ta'cittadinanza Maltija ma taqax taht il-mansjonijiet tieghu u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfundati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

**<u>Ebda ksur tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni</u>**

01.01 Illi dawn l-Artikli huma napplikabbli ghal kaz odjern stante li materja li tirrigwarda cittadinanza hija kwistjoni ta'dritt publiku u ghalhekk ma tikkwalifika bhala 'dritt jew obbligu civili' ghall-finijiet tal-istess Artikli;

01.02 Illi f'dan il-kuntest, l-esponenti jaghmlu riferenza ghall-kawza fl-ismijiet: *Abera Woldo Hiwot et vs Il-Professur Henry Frendo et*, Rikors Numru 25/2002/1 deciza min dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fit-18 ta'Novembru 2004, fejn f'pagna 4 l-Onorabbli Qorti qalet hekk:

*'Hija gurisprudenza stabbilita illi proceduri dwar tkeccija ta'min ma huwiex cittadin tal-pajjiz, ma humiex proceduri li fihom tinghata decizjoni dwar d-drittijiet civili u ghalhekk ma intlaqtux mill-provvedimenti dwar smiegh xieraq. Din il-posizzjoni kienet ukoll kkonfermata b'decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta'Frar 2003 fil-kaz : Mamatkulov u Abdurasolovic vs Turkey:*

*1. The Court reintegrates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, with the meaning of Article 6(1) of the Convention (Maaouia vs France);*

*2. Consequently Article 6(1) is not applicable to the instant case.*

01.03 Illi dan il-punt gie deciz mill-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla fil-kawza *Eddie Cachia vs Dr. Joseph Galea Debono et*, deciza fil-21 ta’Mejju 1993 fil-konfront tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, fejn a Fol. 13, l-istess Qorti tghid hekk:
*‘Il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li d-decizjoni jew ahjar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tammonta ghal ‘determination of a civil right and obligation’. Il-Kummissjoni ma tiddetermina ebda dritt jew obligu fil-konfront tac-cittadin izda tinvestiga biss jekk, indipentement min dak id-dritt jew obbligu, l-Awtorita kienet influwenzata min xi pregudizzju u fil-kaz, li jirrizulta dak il-pregudizzju, taghmel r-rakkomandazzjonijiet taghha’*

01.04 Illi l-awturi *D.J. Harris, M. O’Boyle & C. Warbrick* jghidu li ghall-finijiet tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni:
*‘An important feature of a tribunal is that it must be competent to take legally binding decisions; the capacity to make recommendations or give advice (even if normally followed) is not enough’*
01.05 Illi dak li allega r-rikorrenti fir-rigward tal-komposizzjoni tal-Kumitat ta’Inkjesta ma jistax jigi accettat minhabba l-fatt li l-istess Kumitat msemmi jaghmel biss rakkomandazzjonijiet, liema rakkomandazzjonijiet jistghu jew ma jistghux jigu accettati mill-Ministru intimat;

Illi in oltre f’dan rigward ma jistax jinghad li l-fatt li il-membri tal-Kumitat msemmi gew maghzula mill-intimat Ministru, b’xi mod jimpingi fuq l-indipendenza tal-Kumitat msemmi. Fil-fatt l-istess Kumitat dejjem jimxi, jinvestiga u jirrakomanda b’mod indipendenti u fuq il-fattispecie tal-kaz in ezami;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti ma jistghux jitqiesu li kisru xi dritt ghal smiegh xieraq a bazi tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba sabiex tichad l-

istess talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimati ma ipprezentawx nota ta' sottomissjonijiet fiz-zmien moghti lilhom;

Rat illi r-rikors kostituzzjonali thalla ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti xehed illi huwa izzewweg lil Mary Scicluna fid-9 ta' Awissu 1995 u wara sitt xhur kien akkwista citadinanza Maltija, izda z-zwieg tieghu gie sussegwentement annullat b'sentenza tal-Qorti ta' Malta u madwar sena qabel ma inghatat din is-sentenza kien ircieva ittra li permezz taghha gie infurmat illi kienet giet irrevokata c-citaddinanza Maltija tieghu b'bord illi kien presjedut mill-Prim Imhallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici. F'din l-ittra li intbghatet lilu fil-25 ta' Gunju 2007, ir-rikorrenti gie infurmat illi r-registrazzjoni tieghu bhala citaddin Malti kienet gie mahruga bi frodi da parti tieghu. Ir-rikorrenti xehed illi huwa ma wettaq l-ebda frodi jew qerq.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Bernard Grech, principal fil-Passport Office u qal illi r-rikorrenti kien sar cittadin Malti fit-8 ta' Jannar 1996 u fil-5 ta' Frar 1996 kien inhariglu passaport Malti. Sussegwentement, fl-24 ta' Awissu 2005, ir-rikorrenti kien applika ghall-passaport gdid peress illi l-passaport tieghu kien ser jiskadi u inhariglu passaport gdid fl-24 ta' Awissu 2005. Sussegwentement, il-passport office ircevew ittra fit- 18 ta Lulju 2007 mid-direttur tac-cittadinanza fejn gew infurmati li kienet tnehhiet ic-cittadinanza Maltija lir-

rikorrent peress illi, skond dan l-ufficcju, din ir-registrazzjoni tieghu bhala cittadin Malti kienet inghatat lir-rikorrenti peress illi r-rikorrenti kien ottjena ic-cittadinanza Maltija bi frodi.  Kien ghalhekk illi huma kitbulu u talbuh jirritorna il-passaport.  Izda ir-rikorrenti baqa ma irritornax il-passaport tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi ix-xhud Bernard Grech esebixxa l-ittra li kienu baghatu lir-rikorrenti sabiex jirritorna il-passaport, ittra ohra fl-istess sens, ittra ohra miktuba lir-rikorrenti sabiex dana jirritorna l-identity card tieghu u kopja ta’ ittra li inbaghatet lir-rikorrent mid-Dipartiment tac-Cittadinanza li permezz taghha ir-rikorrenti giet infurmat “the said registration was obtained by means of fraud, has issued an Order in terms of subsection (1) of Section 14 of the Maltese Citizenship Act (Cap 199), which Order is being herewith enclosed. You are now required to call immediately at this Departement regarding your immigration position in Malta and to return your certificate of registration as a citizen of Malta”.

Ikkunsidrat :

Illi in kontro-ezami ir-rikorrenti xehed illi ma kienx qal lill-awtorijiet illi z-zwieg tieghu kien gie annullat, izda lil tax-xoghol kien qalilhom b’dan. Ir-rikorrenti xehed illi ma jiftakarx jekk kienx qal lill-awtoritajiet illi z-zwieg tieghu kien annullat meta talab sabiex jinhariglu passaport gdid.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jghid hekk ““In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.”

Illi fil-kawza fl-ismijiet Vincent Borg et vs Prim Ministru et, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta’ Ottubru, 2008,

gie ripetut l-principju illi l-Artikolu 6(1) “mhux biss jikkontjeni garanziji procedurali fir-rigward ta’ proceduri gudizzjarji, izda ukoll jiggarantixxi d-dritt ghal tali proceduri fil-kazijiet msemmija fl-artikolu. Dan id-dritt irid jkun wiehed effettiv u reali u mhux marginat b’ostakoli jew limitazzjonijiet procedurali li jgibuh fix-xejn."

Illi l-Qorti ikkunsidrat illi ghalkemm ir-rikorrenti jirreferi fir-rikors tieghu ghall-fatt illi z-zwieg tieghu gie annullat b’sentenza ta’ din il-Qorti, din is-sentenza ma tinsabx esebita fil-process.

Ikkunsidrat :

Illi fil-ligi taghna hadd ma ghandu dritt jigi registrat bhala cittandin Malti sakemm dik il-persuna, fid-data li tapplika ghac-cittadinanza Maltija, ma tkunx ghadha mizzewga ma cittadin ta’ Malta u tkun ilha hekk mizzewga ghal minn lanqas hames snin u f’dik id-data kienet tghix ma dak ic-cittadin jew f’dik id-data kienet separata de jure jew de facto, izda kienet ghexet ma’ dak ic-cittadin ta’ Malta ghal mill-anqas hames snin wara c-celebrazzjoni taz-zwieg, jew tkun l-armla jew ikun l-armel ta’ dak ic-cittadin u filwaqt tal-mewt tieghu jew taghha kienet mizzewga lil dik il-persuna ghal mill-inqas hames snin u kienet ghadha tghix mieghu jew maghha jew li kienet, hlief ghall-mewt ta’ dik il-persuna, tkun hekk mizzewga mieghu jew maghha fid-data ta’ l-applikazzjoni jew, jekk fid-data tal-mewt ta’ dak ic-cittadin kienet separata de jure jew de facto minn dak ic-cittadin, izda kienet ghexet mieghu jew maghha ghal mill-anqas hames snin wara c-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti ma kienx ilu mizzewweg hames snin ma cittadina Maltija ghaliex li kieku kien certament issemmi dan il-fatt fir-rikors tieghu. Ir-rikorrenti semma biss illi izzewweg fid-9 ta’ Awissu 1995 u iz-zwieg tieghu gie annullat b’sentenza tal-Qorti datata 27 ta’ Lulju 2009.

Illi ir-rikorrenti fix-xiehda tieghu anzi xehed car u tond illi wara z-zwieg tieghu ma cittadina Maltija il-mara keccietu

‘il barra f’inqas minn sena wara z-zwieg u wara akkwistat l-annullament, sabiex b’hekk allura ir-rikorrenti xehed bil-gurament tieghu stess illi lanqas biss ghex mal-mara tieghu ghal tnax-il xahar, ahseb u ara ghal hames snin.

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti jghid illi z-zwieg tieghu illum il-gurnata huwa annullat u ghalhekk ghall-finijiet u ghall-effetti kollha tal-Ligi iz-zwieg tieghu jitqies bhala li qatt ma sehh u ghalhekk certament illi ir-rikorrenti ma jistax jikkwalifika sabiex jinghata jew jibqa izomm citaddinanza Maltija.

Ikkunsidrat :

Illi l-kwistjoni kollha f’din il-kawza kostituzzjonali hija jekk ir-rikorrenti inghatax smigh xieraq jew le quddiem il-Bord kif irid l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jghodd kull meta xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali jew fi proceduri ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jghodd f’kaz ta’ decizjoni tad-drittijiet civili u obbligazzjonijiet, jew fil-kaz ta’ xi akkuza kriminali.

Illi l-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet Eddie Cachia vs Dr Joseph Galea Debono et noe moghtija fil-21 ta’ Mejju 1993, fejn il-kaz kien jirrigwarda il-Kummissjoni Ghall-Investigazzjonjiet tal-Ingustizzji. F’dan il-kaz, il-Qorti qalet illi din il-Kummissjoni ma kienitx mahsuba sabiex tiddetermina drittijiet jew obbligazzjonijiet izda sabiex tinvestiga rapport ta' individwu dwar ilment tieghu li garrab hsara jew ingustizzja bhala rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita ezercitata direttament jew indirettament mill-Gvern. “Ghalhekk il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzja ma hix Qorti ghall-ghanijiet ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u d-dritt

garantit b'dawk l-artikoli ma japplikax ghall-procedimenti quddiem il-Kummissjoni."

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi b'analogija dan l-argument jista jintuza ukoll fil-kaz odjern illi jirrigwarda Kumitat ta' Inkjesta, billi dan il-Kumitat jaghmel biss rakkomandazzjonijiet, liema rakkommandazzjonijiet jistghu jew jistghu ma jigux accettati mill-Ministru intimat.

Illi l-Qorti rat ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Hiwot Abera Woldu et vs Professur Dr Henry Frendo et deciza fit-18 ta' Novembru 2004, fejn intqal illi hija gurisprudenza stabbilita illi proceduri dwar tkeccija ta' min ma hux cittadin tal-pajjiz ma humiex proceduri li fihom tinghata decizjoni dwar drittijiet civili, u ghalhekk ma jintlaqtux mill-provvedimenti dwar smigh xieraq.

Illi l-Qorti rat ukoll sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Frar 2003 fil-kaz ta' Mamatkulov u Abdurasulovic kontra t-Turkija fejn il-Qorti qalet :

"1. The Court reiterates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (*Maaouia v. France* [GC], no. 39652/98, § 40, ECHR 2000-X).
2. Consequently, Article 6 § 1 is not applicable in the instant case.

Illi dwar jekk, bis-sahha ta' dak li jinghad fl-Artikolu 7(9) ta' l-Kap. 188, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghandhom ighoddu ghall-kaz tallum. L-Artikolu 7(9) ta' l-Kap. 188 ighid hekk:

**"7.** (9) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, izda minghajr pregudizzju ghall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-

decizjoni tal-Bord tkun wahda finali u konkluziva u ma tkun tista' tigi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-gustizzja.

L-art. 46 tal-Kostituzzjoni, fil-parti relevanti tieghu, ighid hekk:
**"46.** (1) … … … kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti civili ghal rimedju u l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, fil-parti relevanti tieghu, ighid l-istess haga:

**"4.** (1) Kull persuna li tallega li xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun gie, ikun qed jigi jew ikun x'aktarx ser jigi miksur dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.

Il-Qorti izda tifhem illi d-dispozizzjoni ta' l-Artikolu 7(9) ta' l-Kap. 188 ma taghtix jeddijiet taht il-Kostituzzjoni u taht il-Konvenzjoni aktar milli jaghtu l-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Fi kliem iehor, jekk interess ma huwiex imhares taht dawk il-ligijiet, ma jigix imhares tahthom bis-sahha ta' l-Artikolu 7(9) ta' l-Kap. 188. Dak l-artikolu jghid biss illi,ghalkemm id-decizjonijiet tal-Bord ma jistghux jigu kontestati quddiem qorti, madankollu, jistghu jigu kontestati taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni, basta, naturalment, illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li fuqhom jistrih min ikun irid jikkontesta d-decizjoni jkunu jghoddu ghall-kaz.

Fil-kaz odjern, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li fuqhom qieghed jistrieh r-rikorrenti, ma jghoddux ghall-proceduri li dwarhom saret din il-kawza.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet ta' l-intimati tichad it-talbiet tar-rikorrenti; bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------